Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2011

Numru. 386/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**vs**

**Kevin Lungaro Mifsud**

Kumpilazzjoni Nru: 386/2011

Il-Qorti

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Kevin Lungharo Mifsud ta' 39 sena, iben Vincent u Maria Elena nee Zahra imwieled Attard fil-15 ta' Jannar 1971, residenti fi 26 Amsterdam Triq Censu Bugeja l-Iklin u dententur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 35272(M).

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, bejn Lulju 2010 u Otubru 2010, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sa biex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh li jeccedi l-elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) ghad-dannu ta' VZ Lines Limited;

U aktar talli f'l-istess zmien, lok u ciekostanzi ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdil f'l-iskrittura jew fil-firem billi hloqt pattijiet dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi.

U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn dokument falz.

Il-Qorti giet mitluba minbarra milli tapplika l-piena tordna lill-imputat biex ihallas id-danni u l-ispejjez in konessjoni mal-hatra ta' esperti.

Rat l-artikoli  183, 184, 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar satdju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fedina penali ta'l-imputat li hija netta; hadet4 in konsiderazzjoni ukoll l-fatt li l-imputat diga dahal fi ftehiem mal-parte leza biex jirrifondi l-ammonti koncernati.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 183, 184, 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta Fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn; in oltre b'applikazzjoni ta'l-artikolu 24 ta'l-istess Kapitolu 446 qed tordna lill-imputat biex ihallas lill-parte civile VZ Lines Limited is-somma ta' hmistax il-elf Euro (€15,000).

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sentejn.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------